FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu, 2001

Numru

Avviz. numru 11/01JR

Vincent Cuschieri Limited

**vs**

**Anthony Galdes**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Jannar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn disgha u tletin lira Maltija u hames centezmi (Lm239.05), dovuta ghall-prezz ta' merci lilhu mibjugha u kkonsenjati.
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-lum sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

Semgha x-xhieda ta' Dr. John Laferla ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn disgha u tletin lira Maltija u hames centezmi (Lm239.05), bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Jannar, 2001, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Dr Joseph Refalo**

**GUDIKATUR**